MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2005

Rikors Numru. 314/2005

**Fl-atti tal-Mandat *in Factum* numru 519/05/JRM fl-ismijiet:**

**Emanuel Bartolo**

**vs**

**Victor Micallef**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mir-rikorrent Victor Micallef fis-6 ta' April, 2005, li in forza tieghu wara li ppremetta illi:

Kontra tieghu kienet inghatat sentenza fit-28 ta' Ottubru, 2004 fl-ismijiet hawn fuq indikata fil-kawza li ggib in-numru 204/2000 JRM.

Il-kundanna tas-sentenza kienet ghall-hlas ta’ somma flus, u mhux obligazzjoni *“di fare”*.

Jidher li ntalab u nghata digriet fuq mandat *in factum* u dan skond digriet li Dr Daniela Chetcuti sabet mir-registru tal-Qorti.

Qed jigi sottomess li *stante* li din hi sentenza li tikkostitwixxi dejn ta’ flus, il-mandat opportun kien ikun dak previst mill-357 sa 374 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dawn l-artikli gew revokati u ghalhekk illum ma jesistix mandat esekuttiv li jimplika l-arrest jew detenzjoni tal-persuna dwar dejn civili.

Il-mandat *in factum* huwa intiz, allavolja hemm l-arrest, ghall-esekuzzjoni jew *“performance of the act”* imma certament mhux inkluz il-pagament ta’ debitu, *stante* li dawn iz-zewg mandati kienu saru fl-istess zmien fil-ligijiet taghna u kellhom parametri differenti, u dak tal-arrest ghad-dejn gie revokat. Ma jistax jigi supplit bil-mandat l-iehor (*in factum*) li mhux intiz ghall-esekuzzjoni ta’ kreditu.

Dan gie kkonfermat fis-sentenza *“Vincenzo Farrugia Busuttil et vs Giovanni Magri”* (K. (P.D) 18 ta’ Novembru, 1901 – XVIII.iii.56) fejn inghad li:-

*“Il mandato in factum non si puo’ ottenere in esecuzione di una sentenza, la quale condanna il debitore il pagamento di una somma di denaro, ma in esecuzione di una sentenza, la quale condanna il debitore alla prestazione di un fatto”*

Dan gie affermat fis-sentenza *“Pace Bonello vs Gatt”* (P.A. (G.P.) 19 ta’ Novembru, 1898) fejn inghad li:-

*“Atteso che, come fu ritenuto da varie decisioni dei tribunali di questa isola e, segnatamente da questa Corte nelle decisioni del 2 Ottobre 1879, nella causa “Schembri utrinque” (Coll.VIII, 835), il 21 Novembre 1879, nella causa “Mallia vs Lanzon” (ibid.VIII.889), il 27 Giugno 1881, nella causa “Zirillo vs Borg” (ibid.IX.465) ed il 29 Novembre 1892, nella causa “Siminiana vs Pace” (ibid.XIII.360), per la spedizione del mandato in factum e’*

*necessario l'inadempimento di un fatto personale del debitore, e l'obbligo di pagare una somma di denaro, o di consegnare una o piu' cose determinate consiste in una obbligazzione di dare ed il suo inadempimento non conferisce al creditore il diritto di domandare contro il debitore la condanna al mandato in factum".*

Din il-Qorti mela trid tassikura ruhha qabel ma taghti l-ordni ghal hrug ta' tali mandat li l-obbligazzjoni indikata fis-sentenza ma tkunx wahda ta' hlas u lanqas sabiex tigi moghtija xi haga determinata, izda ghandha tikkonsisti fil-kompjiment ta' att personali ghall-istess debitur. (Xuereb vs Xuereb 27/3/2003 Qorti tal-Appell kif konfermat).

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob ir-revoka tal-mandat *in factum* kontra tieghu, u jirriserva minn issa kull posizzjoni tieghu dwar arrest illegali u mhux skond il-ligi.

Rat ir-risposta ippresentata mill-intimat li in forza taghha espona illi:

1. Huwa gie notifikat bir-rikors li ghalih qed issir din ir-risposta fit-8 ta' April, 2005.

2. Il-bazi ta' dawn il-proceduri huwa l-artikolu 385[1] tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. *Ai termini* tal-imsemmi artikolu l-ezekutat ghandu jigi mehud il-habs u jinzamm hemm bi spejjes tieghu innifsu *"sakemm ma jaghmilx il-fatt ordnat fis-sentenza jew sakemm il-Qorti jidhrilha li hu mehtieg sabiex tizgura l-esekuzzjoni ta' dak il-fatt"*.

4. L-effetti tas-sentenza li inghatat fil-28 ta' Ottubru, 2004 kontra ir-rikorrenti huma li l-imsemmi Victor Micallef gie ordnat sabiex ihallas l-ammont hemm likwidat mill-Qorti bl-imghax u l-ispejjes legali, li sallum huwa mhux biss ma hallasx izda qieghed jirrifjuta li jhallas u ghamel minn kollox biex svesta ruhu minn kull ma jipposjedi sabiex jeludi id-drittijiet tal-kreditur esponenti.

5. Ghalhekk isegwi illi r-rikorrenti ma onorax dak il-fatt ordnat mill-Qorti fis-sentenza taghha.

6. Huwa minnu illi hemm is-sentenzi riferiti mir-rikorrenti fir-rikors promotur u li il-legislatur irrevoka l-artikli 357 sa 374 tal-Kapitolu 12 izda dan sar mhux biex jillibera debitur mill-arrest izda minhabba li l-mandat *de quo* attwalment iservi l-istess skopijiet u *cioe'* li jekk debitur jonqos milli jonora l-obbligazzjonijiet tieghu jista' jinhariglu mandat *in factum* kontrih sakemm huwa jonora is-sentenza li tkun inharget kontra tieghu.

7. Is-sentenzi citati mir-rikorrenti huma antecedenti ghar-revoka, fil-1985, tal-Mandat ta' Arrest tal-persuna ta' debitur u ghalhekk illum ma ghadhomx jorbtu lil din il-Qorti, li ghandha biss, b'risultat tar-revoka tal-artikoli 357 sa 374 tal-Kapitolu 12, il-fakolta li tohrog mandat *in factum* kontra debitur.

8. *Una volta* li persuna li giet dikjarata debitur mill-Qorti tkun ghamlet minn kollox sabiex teludi l-obbligazzjonijiet taghha x'jista' jaghmel aktar kreditur sabiex isarraf il-gustizzja li tkun saret mieghu u *kwindi* ikollu esekuzzjoni favur tieghu tas-sentenza li jkun ottjena, jekk mhux illi jottjeni il-mandat *in factum* kontra id-debitur tieghu?

9. Ghaldaqstant l-esponenti jissottometti bir-rispett illi t-talba tar-rikorrenti ghar-revoka tal-mandat *in factum* ma ghandhiex tintlaqa' u l-effetti tal-mandat *in kwistjoni* ghandhom jigu esegwiti u dan isir taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti joghgobha timponi.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi mhux kontestat illi b'sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-28 ta' Ottubru, 2004, fil-kawza fl-ismijiet *"Emanuel*

*Bartolo vs Victor Micallef"*, (citazzjoni numru 204/00), ir-rikorrent Victor Micallef gie kkundannat ihallas l-ekwivalenti fi flus Maltin is-somma ta' $Stg. 2,750, flimkien mal-imghax legali fuq l-imsemmija somma mid-9 ta' Frar, 2000, sal-jum tal-hlas effettiv. Jidher li r-rikorrent ghadu ma hallasx is-somma indikata, u l-intimat, *in esekuzzjoni* tas-sentenza fuq imsemmija, talab u inghata l-hrug ta' mandat *in factum* kontra d-debitur tieghu. Id-debitur rikorrent qed jitlob, b'dawn il-proceduri, ir-revoka tal-mandat peress li s-sentenza kienet ghal-hlas ta' somma flus, u mhux obbligazzjone *"di fare"*, u mandat *in factum*, qed jigi allegat, jista' jinhareg biss fil-konfront ta' obbligazzjone *"di fare"*. L-intimat kreditur qed jikkontesta din l-interpretazzjoni.

L-artikolu 385 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

*"**385.** (1) Il-mandat in factum ghandu jkun fih ordni lill-ufficjal ezekuttiv tal-Qorti biex l-ezekutat jigi mehud il-habs u jinzamm hemm bi spejjez tieghu innifsu sakemm ma jaghmilx il-fatt ordnat bis-sentenza, jew sakemm il-Qorti jidhrilha li hu mehtieg sabiex tizgura l-esekuzzjoni ta' dak il-fatt.*

*(2) Il-mandat m'ghandux jinhareg hlief wara rikors mill-kreditur u l-Qorti ghandha tohrog il-mandat biss jekk tkun sodisfatta li l-kreditur ma ghandu ebda mezz ta' esekuzzjoni ohra".*

Illi sa ftit zmien ilu, it-talba ghal-hrug ta' dan il-mandat kellha issir permezz ta' citazzjoni, u, f'kull kaz, kellu jkun precedut minn sentenza li tkun ikkundannat lill-konvenut sabiex jesegwixxi xi att, li jibqa' mhux esegwit, u l-Qorti trid tara li tali mandat huwa necessarju sabiex tigi esegwita s-sentenza. Bis-sahha ta' l-emendi ricenti, it-talba tista' issir b'rikors, izda, fil-fehma tal-Qorti, din il-bidla la bidlet ix-xorta u l-iskop tal-mandat, u lanqas ma nehhiet minn fuq il-Qorti l-obbligu li tisma lill-partijiet u tara li dak il-mandat hu verament mehtieg ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza. Dan il-mandat ma jinharegx, kif jinhargu hafna mil-mandati l-ohra, fuq responsabilita' ta' min jitlob il-hrug tieghu, izda ghandu jinhareg mill-Qorti wara li tkun

semghet liz-zewg nahat u wara deliberazzjoni, *in iscritto* jew oralment, fuq il-htiega tal-mandat. Dan il-mandat iwassal ghac-cahda mil-liberta' tal-individwu, u m'ghandux jigi akkordat jekk mhux wara li jigu ezaminati l-posizzjoni taz-zewg nahat involuti fil-materja.

Illi l-iskop ghalhekk tal-istess mandat huwa sabiex tikkundanna lid-debitur *"in prigione per esservi trattenuto a propria spese finche' non avesse adempito il fatto ordinato colla sentenza"* (<u>"Galea ultrinque"</u> – Cremona Gurisprudenza Vol.1.p. 834).

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan il-mandat ma jistax johrog hlief wara talba permezz ta' rikors *ad hoc nonostante* t-titolu esekuttiv li jkun ottjena l-kreditur sabiex il-Qorti taccerta ruhha li jezistu il-presupposti ghall-hrug tal-istess mandat u *cioe'* li l-istess konvenut kien ikkundannat b'sentenza sabiex jaghmel xi att hemm ordnat fil-konfront tal-attur, u sabiex tivverifika li fil-fatt dan l-att verament ma sehhx *in konformita'* mal-istess sentenza indikata, u fit-tieni lok sabiex jigi stabbilit jekk tali mandat huwiex mehtieg sabiex tassigura l-esekuzzjoni ta' tali fatt.

Illi ghalhekk fl-ewwel ipotesi din il-Qorti trid tara li fil-fatt il-mandat *in kwistjoni* irid jintalab biss *"nel caso che il condannato non avesse adempito l'obbligazione di un fatto importagli con una sentenza".* (<u>"Camilleri vs Azzopardi"</u>, 23 ta' Frar, 1860).

Illi dan gie kkonfermat fis-sentenza <u>"Vincenzo Farrugia Busuttil et vs Giovanni Magri"</u>, decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-18 ta' Novembru, 1901 fejn inghad li:-

*"Il mandato in factum non si puo' ottenere in esecuzione di una sentenza, la quale condanna il debitore il pagamento di una somma di denaro, ma in esecuzione di una sentenza, la quale condanna il debitore alla prestazione di un fatto".*

Illi dan gie affermat fis-sentenza <u>"Pace Bonello vs Gatt"</u>, decisa minn din il-Qorti fid-19 ta' Novembru, 1898 fejn inghad li:-

*"Atteso che, come fu ritenuto da varie decisioni dei tribunali di questa isola e, segnatamente da questa Corte nelle decisioni del 2 Ottobre 1879, nella causa "Schembri utrinque" (Coll.VIII,835), il 21 Novembre, 1879, nella causa "Mallia vs Lanzon" (ibid.VIII.889), il 27 Giugno 1881, nella causa "Zirillo vs Borg" (ibid.IX.465) ed il 29 Novembre, 1892, nella causa "Siminiana vs Pace" (ibid.XIII.360), per la spedizione del mandato in factum e' necessario l-inadempimento di un fatto personale del debitore, e l'obbligo di pagare una somma di denaro, o di consegnare una o piu' cose determinate consiste in una obbligazzione di dare ed il suo inadempimento non conferisce al creditore il diritto di domandare contro il debitore la condanna al mandato in factum".*

Illi l-Qorti mela trid tassikura ruhha qabel ma taghti l-ordni ghal hrug ta' tali mandat li l-obbligazzjoni indikata fis-sentenza ma tkunx wahda ta' hlas u lanqas sabiex tigi moghtija xi haga determinata, izda ghandha tikkonsisti fil-kompjiment ta' att personali ghall-istess debitur, u mhux biss izda *stante* id-disposizzjoni tal-artikolu 385 (4) tal-Kap 12, irid jigi accertat ukoll li kif inghad fis-sentenza "Fedele Dalli vs Victor Mallia", decisa minn din il-Qorti fis-26 ta' Jannar, 1974 *"jekk gewx esegwiti mezzi ohra ta' esekuzzjoni jekk dan ikun possibbli fic-cirkostanzi".*

Illi it-tieni konsiderazzjoni li ghandha tiehu il-Qorti huwa jekk dan il-mandat huwiex ukoll mehtieg sabiex jassigura l-esekuzzjoni tas-sentenza, u taht dan l-aspett fis-sentenza "Salvatore Portelli vs Antonio Bugeja", decisa minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu, 1913 inghad illi:

*"Che l'obbiettivo del sistema del procedimento esecutivo essendo al di' d'oggi quello di convertire nella obbligazione di 'dare' tutte le obbligazioni di 'fare' risolvendo nella rifusione pecunaria il danno emergente dalla inadempita' obbligazione, chiaro che scorge che onde constringere il debitore riluttante o moroso al rispetto della santita' dei patti ed alla stretta osservanza dell'autorita' dei giudicati, sia duopo ricorrere a tutti altri mezzi cattivi, prima di far ricorso alla odiosa conzione*

*personale, la quale, come misura estrema ed eccezionale, non potrebbe venire consentita, che nel solo caso che la obbligazzione di 'fare' non si possa risolvere nella azione di danni – interessi contro l'inadempiente".*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid illi:-

*"Il mandato 'in factum' non potrebbe venire spedito, se non nel solo caso in cui l'obbligazzione di 'fare' non potesse risolversi in una obbligazione di 'dare' e l'arresto del condannato all'adempimento di un fatto personali non fosse indispensabili, a giudizio della Corte, ad assicurarsi l'adempimento".*

Illi dawn il-principji ghadhom applikabbli *nonostante* il-bidla fil-procedura dwar kif issir it-talba ghal-hrug tal-mandat, u *nonostante* t-thassir fl-1985 tal-mandat ghal-arrest personali (ara "Xuereb vs Xuereb", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2003). Il-Mandat ta' arrest personali tnehha mhux ghax l-istess skop jista' jintlahaq bil-hrug ta' mandat *in factum*, izda peress li, skond l-izvillup dottrinali, l-arrest ta' persuna minhabba dejn gie meqjus bhala li jikser id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwu. L-interpretazzjoni li jrid jaghti l-intimat twassal ghal-konsiderazzjoni li l-arrest personali ghad-dejn ghadu parti mill-ordinament guridiku Malti, meta dan ma kienx fil-hsieb tal-legislatur meta hassar il-provvedimenti tal-ligi li kienu jirregolaw il-mandat ta' arrest.

L-artikolu 385 fuq indikat ghadu jaghmilha cara li l-mandat *in factum* jista' jinhareg f'kaz li d-debitur *"ma jaghmilx il-fatt ordnat"*. Jidher car li dan il-mandat jista' jinhareg biss f'kaz ta' obbligazioni *'di fare'* u mhux obbligazzjoni ohra. Fil-ktieb *"Introduction to French Law"* ta' Amos & Walton (3rd Edit. 1979) intqal (*a pagna* 138) li *"An obligation is a legal bond between two persons in virtue of which one of them is bound, in favour of the other, to do a certain act or to abstain from doing an act or to create a right over a thing are or transfer the ownership of a thing".* Hemm kwindi differenza bejn obbligazzjoni li taghti xi haga, u obbligazzjoni li taghmel xi haga, u r-rikorrent f'dan il-kaz

gie ikkundannat jaghti xi haga u mhux jaghmel xi haga, u z-zewg obbligazzjonijiet huma konceptwalment u guridikament differenti.  Il-mandat *in kwistjoni*, ghalhekk, ma kellux jigi akkordat.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tirrevoka u thassar il-mandat *in factum* numru 519/05 li inhareg kontra r-rikorrenti.

L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkustanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------